MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Avviz Numru. 817/2000/1

**Untours Insurance Agents Limited ghall-Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Gaetano Avallone u l-istess Gaetano Avallone**

**Vs**

**Mark Manicolo**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lil Untours Insurance Agency Limited nomine s-somma ta' seba' mija disa u disghin lira (Lm799) u lil Gaetano Avallone mija u hamsin lira (Lm150) danni mill-atturi subiti in segwitu ghal incident stradali li gara Hal-Lija fit-28 ta' Lulju 1998 bejn car Mercedes nru GAB 279 misjuqa mill-konvenut u l-car Subaru nru BAF 176 tal-istanti Gaetano Avallone. Untours Insurance Agents Ltd noe hallsu minhabba 'comprehensive policy of insurance'

favur Gaetano Avallone. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi Lm11.50 ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta'Gunju 2000, u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 14 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-Avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 9 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fl-avviz, izda gara tort unikament tal-assigurat tas-socjeta attrici li kontra tieghu qed jinzammu fermi d-drittijiet tal-esponenti ghar-risarciment tad-danni minnu kawzati.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet l-ohra sottomessa mill-istess konvenut (a fol 11 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritta ai termini tal-aritkolu 2153 tal-Kodici Civli (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-domandi attrici ghandhom jigu michuda ghax l-eccipjenti ma ghandux htija ghall-incident stradali "de quo".
3. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni di parti tal-konvenut.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif jidher mill-atti u da gja gie premess, il-konvenut kien issottometta zewg noti tal-eccezzjonijiet, iffirmati minn Avukati differenti. Pero mill-atti jidher li din il-kawza giet trattata a basi tal-ewwel nota tal-eccezzjonijiet fis-sens li ngiebu provi biss, fuq il-meritu u bl-ebda mod ma giet konsiderata t-tieni nota li fiha giet proposta l-eccezzjoni preliminari a basi tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Ghalhekk in vista ta' dana, ser jigi deciz il-meritu ta' dan il-kaz (ara ukoll dak verbalizzat a fol 17 tal-atti kif ukoll a fol 22 ibid).

Ikkunsidrat

Illi PS 833 Francis Seychell (fol 23 et seq ibid) esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz maghmulin minnu meta investiga dan il-kaz. Mill-istess skizz (fol 25 ibid) wiehed jista' jiehu idea cara tal-lokalita tal-incident u kif spiccaw iz-zewg vetturi involuti, dik bin-numru BAF 176 misjuqa minn Scarlett Avallone, b'zewg marki ta' 'brakes' immedjatament warajha bl-itwal wahda aventi tul ta' 10.50 metri u l-ohra bin-numri GAB 279 misjuqa mill-konvenut u aventi 'tyre mark' kif indikat fl-istess skizz skalat. Mill-imsemmi rapport, jirrisulta li l-istess Scarlett Avallone kienet stqarret 'a caldo' li kienet qed issuq fid-direzzjoni ta' Birkirkira wara traffiku iehor waqt li l-vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta meta din "… daret f'daqqa biex jidhol go Triq Lewis F. Mizzi minghajr ma ghamel sinjal". Da parti tal-konvenut, dan kien stqarr illi kien sejjer lejn id-direzzjoni tal-Mosta "… u kiser biex jidhol go Triq Lewis F. Mizzi" u l-vettura l-ohra gejja mid-direzzjoni tal-Mosta dahlet fih.

Ikkunsidrat

Illi meta xehdet l-istess Scarlett Avallone (fol 32 et seq ibid) kompliet issostni li l-konvenut "F'daqqa wahda, … dar ghan-naha tieghu minghajr ebda sinjal …… sabiex jidhol fil-'gap' fis-'central strip' kif murija fl-iskecc". Hi ssottolineat illi l-ewwel darba li rat il-vettura l-ohra, din kienet boghod minnha "xi tul ta 'karrozza" u illi kienet qed issuq b'velocita ta' madwar 40 kilometru fis-siegha. Hi ukoll semmiet illi kif minn fuq l-istess skizz, il-karozza

taghha kellha hsara "fuq in-naha ta' quddiem" … "fejn hemm id-dawl tax-xellug".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 47 et seq ibid) biddel b'mod sostanzjali dak li kien stqarr lill-pulizija msemmi. Difatti hu qal illi qabel ma dar lejn Triq Lewis F. Mizzi, hu waqaf u xeghel l-'indicator' u meta ra li t-triq kienet libera minn traffiku ('clear'), hu beda jaqsam u "Kif esattament skapulajt dawk iz-zewg strixxi u kont ser indur lejn ix-xellug tieghi, hemmhekk sibt "scammel' fis-'service road'. Bhala konsegwenza, il-karozza tieghu kellha "l-bicca tal-bagalji" tisporgi ghal fuq it-triq principali "minn fejn kont ghadni kemm hrigt". Hawnhekk, il-vettura tieghu qalghet "daqqa fuq wara" (ara ukoll ir-ritratt fol 50 ibid) u l-istess karozza misjuqa minnu daret, kif muri fuq l-istess skizz, "… kwazi 180 degrees". In rigward l-imsemmi 'scammel', il-konvenut semma li kif kien ghadu wieqaf, sabiex jdur, hu kien rah "pero' dan ma kienx wieqaf imma kien ghadu ghaddej" u "Hu waqaf … kif qsamt". Inoltre hu sostna ukoll illi kien semma' dan l-'scammel' lill-imsemmi pulizija, peress li din il-vettura kienet insaqet l'hemm qabel ma wasal il-pulizija.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti, jidher li:-

a) meta gara l-incident, il-vettura misjuqa mill-konvenut ma kelliex, biss, 'l-bicca tal-bagalji' sporguta l-barra izda parti sostanzjali tal-istess vettura. Dan il-fatt jirrisulta mill-imsemmija 'tyre mark' li tista' tghid, tindika fejn kien l-'spot of impact f'dan il-kaz.
b) Ma jidhirx illi Scarlett Avallone kienet qed issuq b'velocita eccessiva f'dan il-kaz. Dan il-fatt jirrisulta mit-tul massimu tal-marki ta' 'brakes' gja imsemmi.
c) Il-Qorti ma hiex sodisfatta illi dan l-incident gie kawzat minhabba l-'scammel' kif qed jsostni l-konvenut. Dan il-punt ma jidhirx li ngieb a konjizzjoni ta' PS 833 Francis Seychell u, filfatt, ma ingieb xejn a konjizzjoni tal-istess Qorti sabiex tkun tista tikkonkludi illi l-imsemmija skizz u

rapport ma jirrispekkjawx ir-'res gestae' f'dan il-kaz. Illi, ghalhekk, tenut kont ta' dak kollu premess, jidher li dan l-incident gara minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-konvenut li esegwixxa l-manuvra kif deskritta minghajr id-debita kawtela u minghajr il-prekawzjonijiet kollha rikjesti minn qabel ma qasam lejn il-lemin sabiex jattraversa t-triq, minn fejn kien ghaddej traffiku gej mid-direzzjoni opposta.

Illi ghandu jsir accenn ukoll ghal dak li xehed Anthony Amaira (fol 30 u fol 37 et seq ibid), li oltre li specifika l-'quantum' ta' danni kawzati fil-vettura tal-assikurat/attur, semma illi s-socjeta assikuratrici tal-konvenut kienet informatu li "… t-tort tal-incident kien tal-assikurat taghhom" cjoe tal-konvenut odjern li, pero' "ma kienx qed jammetti t-tort" (ara fol 31 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>.

Illi l-ammont globali ta' hsarat pretizi ma giex kontestat mill-konvenut (ara, b'mod specjali, fol 38 ibid).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u in osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;
2. Tillikwida l-ammont globali ta' danni fis-somma ta' Lm949 u;
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm799 u lill-attur, Gaetano Avallone, is-somma ta' Lm150 bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Gunju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk ta' ittra u konsult ammontanti ghal Lm11.50,0 u dawk tal-ittri ufficjali tal-21 ta' Gunju 2000 u tat-22 ta' Gunju 2000 imsemmijin fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------